# IL HABIB

Joħroġ cull nhar ta tlieta, barra mil ġimgħa il Cbira u il ġimgħa ta Labsi.—L'imsieħbin ta Malta u Għaŭdex jisŭielhom, bil Posta b'collox, tliet xelini fis-sena, li jistgħu jitħallsu xelin cull erba' xhur, bil-kuddiem. Ta Barra, jisŭielhom xelin actar fis-sena u jaħtieġ iħallsu għall'inkas bis-sitt xhur fuk.—Min ma javżax xahar kabel tagħlaklu is-sena, jirtabat għal oħra.—Ebda chitba li tasal f 'idejn id-Direttur ma tarġa tirtadd l'ura.

Imżeŭŭak b'cull xorta ta daŭl, ta tagħlim, ta aħbarijet u ta mogħdija taż-żmien: imma dejjem nisrani u *ħabib tal-kalb.*
Proprietarju: il *Cumitat tal Għakda tal Appostulat tat-Talb,* li kankal u sejjer imexxi dan il kari tajjeb, għall ġid tal Maltin.
Direttur: is-Sur Ġużè Muscat-Azzopardi (strada santa Lucija, numru 89.)
Amministratur: is-Sur Anġ Galea (str. Brittanica, numru 53).
Stamperija: *G. Muscat* (strada sant'Orsla, numru 213).

L' EŬŬEL SENA. IT-TLIETA, id-19 TA NOVEMBRU, 1912. Nru. 41.

## Akraŭ !

«Unjoni Cattolica
«San Giusepp.
«Valletta, strada Forni, 94
«(Palazz Caraffa).
«*Segreterija*
«Fit-12 ta Novembru, 1912.

«Magħruf Sur Direttur tal *Habib*,

«Jen għandi l'ordni mil Cumitat li ninformac li is-Sur Dŭardu Galea, billi hu mgħobbi ŭisk bix-xogħol ta Teżorier ta din l'*Unjoni Cattolica*, talab li chiecu isir xi ħadd ieħor f'lôcu *Amministratur* tal *Habib*; u li għal hecc is-Sur Anġ Galea giè magħżul għal din il ħidma. (*)

«Il Cumitat iħoss li għandu iddmir jiżżi-ħajr lis-Sur Dŭardu Galea għax-xogħol bla serħ u għall ħrara li bihom mexxa l'*Amministrazzjon* tal *Habib*.

«Għandi ucoll l'ordni li nati Lilec, Sur *Direttur*, l'acbar ħajr għall ħila u id-dehen li inti mexxejt bihom id-*Direzzjoni* ta din il gażetta ta cull ġimgħa, fejn dejjem issodisfajt f'collox il Cumitat tal Appostulat tat-Talb, b'xogħol cbir li għoġboc tagħmel b'xejn.

«Fil ŭakt li nisgurac chemm dan il Cumitat jibka jafulec, ngħoddruħi

«collni tiegħec
«Walter Agius,
«*Segretarju*».

Għamilna dmirna mill'aħjar li nafu għall gid ta ħutna il Maltin: u jecc xi darba żbaljajna, bħalma jiżbaljaŭ il bdiedmin collha, ma għamilnieħx għal tal apposta.

(*) Is-Sur Anġ Galea, ħu Monsinjur Dun Paŭl Galea, jokgħod haŭn il-Belt, strada Britannica, numru 53, nitfa l'isfel min-niċċa tal Concezzjoni: u, la giet din l'occażjoni, irridu narġgħu 'nfaccru lill karrejja tagħna dac li għedna iżjed minn darba fuk id-differenza li għandhom jagħmlu bejn id-*Direttur* u l'*Amministratur* tal gażetta—jigifieri li cull-ma ma għandux x'jaksam mal articoli li jidhru fil *Habib*, bħalma hu, per esempju, min irid jissieħeb, min irid iħallas, min irid iħalli min sieħeb, min irid javża li biddel id-dar, jeŭ li il *Habib* ma ŭasallux, jeŭ li kiegħed jasallu tard, jeŭ xi ħaġ'oħra hecc, għandu jaraha mal *Amministratur*. Aħna ma narfgħux ħlief is-salib ta dac li għandu jidher fil *Habib*: f'chelma ŭaħda, tal ctib tal gażetta: u fiħ salib ġmielu.

Frattant, fil ŭakt li sejjrin ninfirdu b'għokla ta kalbna mis-Sur Dŭardu Galea, għax dejjem ħdimna flimchien għall gid tal Poplu; bħal żeŭġ t'aħŭa, nifirħu lis-Sur Anġ Galea, ragel ħaddiem u tal għakal, li, mibrum fuk il għamla ta Monsinjur Huħ, jaf u irid ucoll jisŭa lill Poplu.

Għal dac li il Cumitat tal Appostulat tat-Talb, mgħakkad, bħalma jaf u jistkarr cullħadd, minn persuni l'actar rispettabbli, għoġbu igħid fukna, aħna ma 'nŭieġbux ħlief b'chelma ŭaħda: Grazzi !

Bil għajnuna t'Alla, nibkgħu naħdmu bħal mn'issa l'ura: u ladarba xogħolna jogħġob lil dac il Cumitat, *ma 'rridux ħlas ieħor u ma jimpurtana minn xejn ictar.*

Id-Direzzjoni.

## Il Cungress ta Londra

(7)

*L'indirizz tal Cardinal Vanutelli Legat tal Papa.*

Eminentissimi Cardinali, Iskijet Eċcellentissimi, Sinjuri Rispettabbilissimi,

Jena ma hemmx bżonn nuricom b'liema unur 'inżomm dana l'officcju illi il Papa ried jafda fid-debulizza tiegħi, chif intom rajtu fl'ittra li għadni chemm krajtilcom. Iżda ħaġa ŭaħda jena irrid ngħidilcom u dina hija il pjacir li jena għandi li nidher minn f'lôc il persuna tal Imkaddes Papa fil Cungress tagħcom,illi fiħ ma tant u tant membri tal Cnisja Mkaddsa, jena nara miġbura flimchien il fjur tal Cattolicismu tan-Nazzjon Ingliża u ta tant Nazzjonijet oħra, u fl'isem tal Papa mn'issa stess jena inħabbrilcom il fama cbira li sejjer jeħu mad-dinja collha dana id-Dsatax il Cungress Eŭcaristicu miġbur f'dina il Catidral ta Londra, illi il ħitan taħħa igibulna kuddiem għajnejna dac il Cardinal u f'li stess ħin missier, illi xerred il Cattolicismu fl'Ingħilterra u li chien fid-Djocesi ta Westminster kabel dana l'Arciskof tant zelanti li jinsab issa. Jitchellem il gebel ta dina il Cnisja u isemmilna l'ismijet ta daŭc il persuni collha illi għat-tieba tal kalb taħħom ħalleŭ dina it-tifchira lil ta urajhom. Il cliem stess tal Papa jimlieni bl'icbar ferħ u f'li stess ħin b' curaġġ liema bħalu; il għaliex hua rahan l'actar sigur, 'illi il għajnuna t'Alla m'hix ser' tigi nieksa lix-xeŭka tagħna u fl'opera li aħna bdejna, u li aħna ma għandniex infittxu f'dana il Cungress għajr il glorja t'Alla, Salvatur tagħna. Il Papa kalilna illi Gesù Cristu, aŭtur tal Cnisja, illi kiegħdin infittxu biss il glorja tiegħu, icun fostna bil milja tal grazzja tiegħu. U ma jidhirx, forsi, miċċircostanzi collha ta dana il Cungress li il cliem tal Papa kiegħed jivverifica ruħu?

Sabiex nibda minn dac li hua l'actar krib, aħna intkajna f 'pajjiż li tant lakagħna u li fuku maż-żmenijet Alla xerred il barca tiegħu, pajjiż li chien jistħokklu jissejjaħ actarx art tal Anġli inchella art tal Angli (Ingliżi), u jecc maż-żmien chien haŭn xi differenzi ta min jibchihom f'dina l'art, imma daŭna chienu dejjem s'issa imrakkda minn żmien ieħor li tgħallem jiġbor ħażna ta paci. U issa għall'eŭŭel darba, ŭara bosta secoli, il bibien tal Ingħllterra infetħu għal Cardinal, illi f'li stess ħin hua ir-Rappresentant tal Papa, u infetħu ucoll għal tant Prinċpijet tal Cnisja, Iskfijet u numru cbir ta Sacerdoti ta bosta nazzjonijet differenti. Oħ, tasseŭ tal għageb huma it-triekat tal Provvidenza t'Alla, illi hecc bil ħleŭŭa collha gibuna haŭn flimchien miġbura f'edina il belt! Oħ, tas-seŭ xhieda solenni ta pietà l'iżjed cbira illi ġabret flimchien dac li chien jinsab imxerred, barca li għaliha għandna natu ħajr lill'Etern Alla! U inti, o Nazzjon tant kaŭŭija, illi ilkajtna b'idejc miftuħa, ircievi il ħajr tal kalb tagħna. Ir-rispett ta dana il Cungress jigi mogħti l'eŭŭelnett lil Dac li f'idejħ jinsabu il cmand u ix-xorti ta dana il pajjiż, imbagħad lil daŭc collha li kiegħdin imexxu dana li Stat. Oħ, li chiecu il presenza tagħna, f'dana il pajjiz tcabbar xi ftit dic il paci nisranija, illi hija l'oggett principali tax-xeŭkat tagħna.

Imma x'nibda ngħid minn din il għakda illi fiha daŭc collha illi geŭ flimchien għal dina il migemgħa huma ħaġa ŭaħda, marbuta per mezz ta fidi ŭaħda, per mezz ta imħabba ŭaħda. Hija migemgħa dina illi jena ictar insejjħilha Cungress ta Nazzjonijet, inchella cungress bejn in-Nazzjonijet, il għaliex l'Imperu Ingliż, imħabba fil lingŭa u il cmand tiegħu, hua tant imxerred ma cullimchien, illi hua capaci jiġbed innies minn qŭalunque parti tad-dinja bħala centru taħħom. Għaldakshecc xejn ma għandna x'nistagħġbu chif passiggieri minn cull parti tal art jinsabu haŭnhecc miġbura, Prinċpijet tal Cnisja Mkaddsa, Iskfijet li huma iż-żina tal poplu taħħom u tant nies oħra imsemmija għall' aŭtorità, għall virtù, għall għerf taħħom; u frattant daŭna innies collha, miġbura flimchien minn tant pajjiżi differenti għandhom ilcoll kalb ŭaħda, ħsieb ŭieħed, cullħadd għandu fidi ŭaħda, ma hemmx bejniethom l'ebda diversità ta opinjoni. Aħna naduraŭ il Gesù Cristu Salvatur tagħna, l'Aŭtur u Cap invisibbli tal Cnisja, u għal dina li stess raġuni aħna nivveneraŭ u nimxu ŭara il Viġarju tiegħu visibbli li ħallienna minn f'lôcu fuk il ŭicc

ta dina l'art, minn ghajr ma naghmlu l'ebda differenza bejn l'officcju tal ŭieħed u tal ieħor, u hecc per mezz ta dina l'armonija tal klub u tal volontà aħna nokoghdu flimchien mghakkda f'li stess fidi u f'li stess imħabba, ghakda hija dina hecc tal ghageb u divina, illi imħabba fiha ma jistax icun li ma tinżilx mis-sema il barca t'Alla fuk dana il Cungress.

Dina il ghakda hija bil bosta mghejjuna mir-rappresentanza li baghat Dac li giè maghmul minn Gesù Cristu Alla taghna bħala il Cap tal Cnisja u il pedament tal ghakda taghna. Intom smajtu il cliem tal Papa, illi kieghed tant iħabrec biex jirnexxi dana il Cungress. Li stess presenza fostcom ta Cardinal Legat tal Papa hija xhieda ta dina il premura collha tieghu. Mimlija bil curaġġ ghal daŭna il considerazzjonijet, aħna natu ruħna ghall'unur tas-Sagrament tal Eŭcaristija biex ictar inxerrdu il glorja tieghu. Irrid anche inġaghalcom ticconsidraŭ, chif jidher mil li stess ittra tal Papa illi dana l'Imkaddes Missier taghna ghoġbu li dana il Cungress memorabbli isir fil belt ta Londra, Capitali tal Imperu, mhux biss imħabba fil gid li jisttenna minnu, imma anchi imħabba fl'occażjoni li ser icollu, li juri lill poplu tant nobbli tal Inghilterra ir-rispett u il kima cbira li ghandu versu lejhom. Li chiecu katt ma chienetx dina l'imħabba specjali li Hua ghandu versu l'ulied tieghu tal Inghilterra, certament ma chienx dan l'aħħar jaghmel ligi biex italla id-Djocesi taħħom, u jifridha mil Missjoni li ghaliha kabel huma chienu suggetti, l'ankas ma chien jatihom daŭc id-drittijet collha u privileggi li ghandhom Djocesi oħra inżejjna bil kaŭŭa tal ħajja cattolica. Minn daŭn ucoll aħna nistghu incunu sgurati illi nistghu nibdeŭ il ħidma ta dana il Cungress bil kalb collha, mghejjuna mit-tama li ghandu li jirnexxi.

(*Jissocta*) DUN ANTON VELLA, D.D.
*Cappillan ta ħal Luka.*

# Aħbarijet

Lill' Imsieħbin tal UNJONI CATTOLICA

1. Li *Scola tat-tfal* bdiet u sejjra tajjeb ġmielha: iżda irridu inħaġġu lil min bi ħsiebu jibghat l'uliedu biex ifittex jibghathom, ghax inchella ma icunnx jistghu jilħku mal oħrajn, li diġà kieghdin jakbdu l'art seŭŭa. X'ma jakbdux, taħt li Mghallem li ghandhom! Xtakna li xi missierijet icunu f'tokba jisimghu dac il ġmiel ta tifsir fuk it-taljan u l'ingliż, fuk l'aritmetica u fuk li *Storja ta Malta*! Dnub cbir min itellef din l'occażjoni lill'uliedu.

2. Frattant, narġghu 'nfaccru li ilbieraħ bdiet ucoll li *Scola tal cbar* (imsieħbin): u ir-Reverendu Dun Ġŭann Gaŭci, DD., M.A., accetta li jidħol ghat-tifsir tal Catechiżmu. Nifirħu, b'din il ghażla, lill'Imsieħbin tal *Unjoni*, ghax Dun Ġŭann Gaŭci hu Mghallem ieħor li jisŭa mitklu deheb u imchisser ghat-taghlim tal Catechiżmu fil *Liceo* u fl'akŭa Culleggi ta Malta, tista tghid minn ifulitu.

3. Is-Sur Argento giè maghżul mil Cumitat b'*Cullettur* tal Cażin tal *Unjoni Cattolica*: u ghandu is-setgha li jiġbor il flus tal ħlas tal gimghat minn ghand l'Imsieħbin, geŭŭa il Cażin u barra ucoll.

4. Fis-27 ta dan ix-xahar, jigifieri nhar l'erbgha tal gimgha id-dieħla, fis-sitta u nofs ta fil ghodu, isir *funeral*, fil Cnisja tal Geżŭiti, b'kuddiesa u tkarbina ghar-ruħ l'Imsieħbin u il Benefatturi mejjtin tal *Unjoni Cattolica*. Dan il *funeral* sejjer isir l'eŭŭel darba, scond ir-Regulamenti; u jibka isir cull sena. Il Cumitat jixtiek li ghat-tkarbina jersku ħafna mill'Imsieħbin u aħna ucoll nittamaŭ li icun hecc.

5. Il Cumitat tà is-sŭali tal Cażin biex isir fihom *Bazâr* bil klieħ tieghu ghall *Blue Sisters*, fit-23 u fl'24 ta dan ix-xahar: u ghal hecc l'Imsieħbin huma mitluba li, f'daŭc il jumejn, biex jidħlu fis-*Sala tal Lettura* u fis-*Sala tal Biljard*, li jibkghu dejjem miftuħin ghalihom, juru it-*Tessera* taħħom.

# Il kalb tal Bniedem

Xi tcun int, ja kalb, x'icunu
Il gibdiet li tħoss ġò fic?
Ghal cull ħaġa dlonc titħajjar,
Iżda l'ebda ma thennic.

Gid u ghana ma jisŭeŭlec,
Giħ u cobor ma ituc ruħ:
Cull ferħ fl'aħħar jisfa nichet,
Cull imħabba tinfexx dmuħ.

Dejjem tħabbat, dejjem tfittex,
Inti stess ma tafx x'tixtiek:
Tħoss li 'l hena 'l ħajja tieghec,
U ghall hena ma 'ssibx triek.

Tħobb il ħajja; u b'dana collu
Fil meŭt biss donnoc tistrieħ:
Biss fil chesħa minn tal kabar
Jeħda 'l ghali, imut l'ugieħ.

Ghaldakstant jien fhimtec seŭŭa:
Din id-dinja hi ftit ghalic:
Arfa ħarstec lejn is-sema,
Alla biss jista ihennic.

DUN CARM PSAILA.

## ID-DINJA MA HIX XOGĦOL TAL-CAS.*

L-esperienza, li hi għal culħadd l-aħjar imgħallma, tgħallimna bil-bosta ċar illi min ifittex li jagħder l-għilt tiegħu, jaka' malajr f-ieħor iżied cbir: seuua-seu hecc ġralhom l-Ateisti, li biex ma jidhrux bħala panteisti, issa sejrin jidhru bħala materjalisti, billi jmorru jtennu ma' dauna illi kabel ma chienet id-dinja chienu jesistu minn dejjem bosta atomi jeu aħjar bosta bcejjeċ żgħar żgħar ta' materja, li ma chienux jistgħu iżied jiċċeccnu milli chienu, u mil-lakgħa ta' daŭn l-atomi u mil-migemgħa tagħhom ta' bla ordni saret id-dinja, mingħajr l-għajnuna ta' l-ebda Ħalliek;» u għalhecc jiġu għidu illi d-dinja hi xogħol tal cas. Issa kabel xejn narau chif il-materjalisti jmorru jfissru dan it-tagħlim karrieki tagħhom, effett ċar tal-genn ta' moħħhom. Democrite, mela, Leucippu, u Epicuro flimchien maċ-ċorma collha ta' sħabhom ighidu illi l-atomi, li minnhom saret id-dinja, fl-għadd huma bla tmiem, jistgħu jitħarcu minnhom infishom, ma humiex magħmulin minn ħadd, ma jakblux bejnithom fis-sura, xiħud jigifieri huma mgherbin, xiħud huma quadrati, u hecc, sabiex mita jintakgħu ma' xulxin jistgħu jingħakkdu flimchien; ma jakblux ucoll ma' xulxin fit-tikgħid u fl-ordni. Daun l-atomi ta' ċcunija liema bħala, iżda ta' kauua cbira, billi mingħajr ħsieb u mingħajr ordni chienu iduru ma' xulxin issa l-haun u issa l-hemm f-uesa' ta' bla tarf, fl-aħħar mingħajr ħsieb u mingħajr ordni ntakgħu u ntgħakkdu ma' xulxin u b-hecc sauru mbagħad dan il-bini tant sabiħ, imsejjaħ dinja. Minn dan it-tagħlim karrieki niġbdu illi l-causa materjali tad-dinja huma l-atomi; l-ħaddiem hu t-tkankil, l-inginier hu l-cas. X-tagħlim dan! Inħossu mistħija biss li nitħaddtu fuku, għaliex jistħokklu cull żebliħ u cull tmakdir, billi bit-tagħuiġ juakka' mit-tron tiegħu l-Alla, l-Causa Prima ta' collox: imma għax il-materjalisti ma jistħux iżommuh bħala tagħlim seuua, nħossu ruħna mġagħalin li nitħaddtu fuku, billi nuru l-euuel nett chemm hu sbaljat dan it-tagħlim, imbagħad nuru illi d-dinja ma hix xogħol tal-cas.

Il-materjalisti (bħalma rajna) għidu «li l-atomi fl-għadd huma bla tmiem». Issa biex narau chemm ma jistax icun dan, hecc immorru aħna nitħadtu: sigur dac li hu bla tmiem jistmerr cull għadd, għaliex l-għadd hu cotra cbira ta' ħuejjeġ mekjusin mittauħin (mil-unità): imma dac li hu bla tmiem ma jistax icun mekjus, għandu jcollu t-tarf tiegħu u t-tarf tiegħu ma għandux dac li hu bla tmiem (l-infinit). Mela, dac li hu bla tmiem jistmerr cull għadd; u għaldakstant jisbaljau bl-icraħ il-materjalisti mita għidu li l-atomi fl-għadd huma bla tmiem. Scond dauna il-materjalisti l-atomi huma ucoll ta' ċcunija liema bħala u mżejnin bit-tkankil, jigifieri jistgħu jiċċakilku, jistgħu jitħarcu. Mela aħna hecc immorru nistaksuhom, biex narau s-sball tagħhom: liema mitħna chienet dic li taħnithom u għamlithom hecc ċchejcnin? Min chien li tahom l-euuel tkankil? Sigur li l-atomi ma setgħux jitħnu lilhom infishom, għax inchella jigi li ħadmu kabel ma chienu, u dan ma hux ħaġa li tista' tcun: l-ankas sigur ma chellhom l-euuel taħric uieħed, jigifieri mid-dauuara (miċ-circunferenza) jmorru għan-nofs (għaċ-centru), jecc huma tkal, bħalma hu l-ħadid, il-gebel, minn nofs imorru għad-dauuara, jecc għandhom bidu ta ħeffa, bħalma hu d-duħħan. Mela (jecc irridu nokogħdu fuk it-tagħlim tal-materjalisti) bil fors li chien hemm xi causa barranija li taħnet daun l-atomi u tathom l-euuel taħric. Imma l-materjalisti biex ma jiġux magħlubin minn dan it-taħdit, jizzardau għidu ucoll li l-atomi chienu minn dejjem u chellhom il-cheun tagħhom minnhom infishom. Sa fejn jasal eħħ il-bniedem li ma jemmenx f-Alla! Irid tas-seu jġarraf mit-tron tiegħu l-veru Alla, biex minn flôcu jtalla' (biex ingħid hecc) cotra bla tmiem ta' tant allat, daks chemm huma l-atomi. Infatti li ŭieħed icun minn dejjem u minnu n-nifsu hi ħaġa t-Alla biss; u għalhecc il-materjalisti, li bit-tagħuiġ huma ateisti, mita għidu li l-atomi chienu minn dejjem u minnhom infishom, icunu kegħdin jitkarrku bl-oħxon, għaliex icunu kegħdin iżommu cotra cbira ta' allat. Billi rajna fuk fuk chemm hu sbaljat it-tagħlim, li minnu l-ateisti flimchien mal-materjalisti jiġbdu u għidu illi d-dinja hija xogħol tal-cas, issa jaħtigilna nuru dritt dritt illi d-dinja ma hix xogħol tal-cas.

Sabiex effett ta' xi causa effettiva jcun jista' jissejjaħ cas, jaħtieġ li ma jcunx scond l-ordni u l-ħsieb ta' din il-causa effettiva. Issa l-materjalisti jistgħu jħakku illi d-dinja saret minn għajr ebda ordni u mingħajr ebda ħsieb, biex jistgħu jseffsu f-uiednejn ta' xiħud illi d-dinja hi xogħol tal-cas? Sigur li dan ma jistgħux itennuħ, għaliex fid-dinja hu collox ordnat, bħalma l-esperienza tnebbaħna; iżda dac li hu ordnat irid il-ligijiet u l-ligijiet jistmerruh il-cas. Mela l-ateisti flimchien mal-materjalisti għandhom igħidu u jtennu, jridu u ma jridux, illi d-dinja ma hix xogħol tal-cas, li f-numru ieħor ta' dal gjurnal nistincau li inuakkgħuh għal collox, billi nuru illi in-natura mita tagħmel l-effetti tagħha, l-cas ma għandux x-jaksam magħha. E.F.

* Il-cas hu dac l-effett li ma hux magħmul scond il-ħsieb u l-ordni tal causa tiegħu effettiva: hecc tissejjaħ cas il-katla ta' bniedem li ssir imħabba l-vleġġja li l-kauuas jitfa' mux biex joktol dal bniedem, imma biex joktol xi annimal; u għalhecc dil katla ta' dal bniedem billi ma hix scond il-ħsieb tal-kauuas tissejjaħ cas.

## Risposta f'ûaktha.

(*Jissocta man-numru 40*)

Fuk l'ghamil it-tajjeb li aħna napplicaŭ lil Erŭieħ tal Purgatorju, bhalma huma l'orazzjonijet, is-saŭm, u dac li natu lil fokra, u ħŭejjeġ oħra li icunu ta gid lil proxxmu taghna, hu cert li jisŭielom; u ta dana ghandna prova mill'Iscrittura imkaddza, mis-Santi Padri u mill'istoria. Mill'Iscrittura nafu li Aronne tefa l'incendju li chien diġà ghamel irmied ictar minn erbatax il elf Israeliti (Num. XVI.), il pesta fiż-żmenijet ta David spiċċat ŭara Sacrificcju (2. Reg. 34.), Tobija per mezz tat-talb tieghu kala lil ibnu Anġlu li hennieħ: mill'istess nafu li Alla jisma it-talb taghna, u specjalment mita hu imghakkad ma dac tal Cnisja, li Alla l'Imbierec iħobbha bħala gharusa tieghu: iżjed nafu li Alla iħobb lil daŭc l'Erŭieħ u tana precett li nissuffragaŭhom; jecc immela jaccetta il meriti taghna u irid japplicahom lilhom, hia ħaġa ċara li japplicahom. Ghalhecc jibka dejjem cert li mita ŭieħed jaghmel sacrificcju ghal mejjtin jaghmel ħaġa kaddisa u ta saħħa (2. Mach. II. 46. Sancta ergo et salubris est etc.). Issa immorru ghall'aŭtorità tas-Santi Padri, Sant'Ambroġ fil meŭt ta ħuħ, San Satiro, mar jitchellem ma ommu u missieru b'dana il mod: Dac is-sehem tal ŭird li imiss lil iben taghcom mejjet, kassmuħ lil fokra; u hecc ittuħ biċċa mil uirt taghcom, u tissuffragaŭħ bil gid taghcom. Santu Ŭistin fil ctieb tal cura li ŭieħed ghandu jeħu mil mejjtin ighid: mhux ghal xein il Cnisja tħabrec ghas-suffragji ta uliedha mejjtin. San Girolamu ifaħħar lil Pammocchio,senatur ruman, ghaliex chien ghamel ħafna carità mal fokra ghar-ruħ martu mejta. U inqŭantu ghall'istorja San Ghirgor il Cbir fid-dialogu tieghu, ighid li per mezz tal ghamil it-tajjeb u specjalment tat-talb u tal carità, kala minn ghand Alla il fidŭa ta ŭieħed Religius mizmum fil Purgatorju, ghaliex chien ħà xi ħaġa mil Cunvent u żammha contra ir-regola ta l'ordni tieghu; (Dial. lib. 4. c. 39.) u band'oħra ighid li ghat-talb ta San German Iskof ta Capŭa giet meħlusa minn dac il ħabs (purgatorju) ir-ruħ ta Pascasju Diaconu ruman (ara il Bolland die 15 Jan.). Santa Perpetŭa, mita resket ghall martirju ftacret f'ħua mejjet li chien jismu Dimocratu; talbet ghaliħ, u kalet li ratu meħlus mil Purgatorju imħabba fit-talb taħħa (Ruinard. Acta sincera Martyr. pag. 89 e seg.) Il mezz l'ictar facili biex ŭieħed jissuffraga l'Erŭieħ tal Purgatorju jinsab fl'indulgenzi; ghaliex f'daŭna jissieħbu flimchien mal Beati, il Cnisja, u il fidili; il Cnisja billi tati il maħfra imħabba fil meriti ta Gesù Cristu, tal Gran Verġni Maria, tal Kaddisin; u il fidili billi jaghmlu daŭc l'opri iccmandati meħtieġa ghar-rebħa tal indulgenzi. U haŭn hemm bżonn niddistingŭu fid-dnub il ħtia u il pena, il ħtia li tinsab fl'offisa li il midneb jaghmel ll'Alla mita jicser illigi tieghu; il pena li tinsab fis-soddisfazzjon li ghandu jatiħ ghaliex offendieħ. Dina il pena tista tcun eterna u temporali: l'eterna ticorrispondi ghal ħtija cbira, li dina billi iggib ghedeŭŭa (inimicizia) eterna hemm bżonn li iggib pena eterna, ghaliex min imut ghadu t'Alla, jibka hecc ghal dejjem; (Eccl. XI. 3. In quocumque loco ceciderit, ibi erit) il pena temporali ticcorrispondi ghal ħtija ħafifa u ucoll ghal cbira, li ŭieħed diġà kala taħħa il maħfra, chif jiġri f'daŭc li icunu ghamlu krara tajba. Daŭna ix-xorta ta pŭieni jonksu ŭisk per mezz tal indulgenzi, ghaliex il Cnisja irceviet mhux biss is-setgha li taħfer id-dnubiet, iżda ucoll dic li tħoll u torbot, u ghalhecc li tnakkas ucoll il pŭieni chif taghmel fl'indulgenzi, u ghaliex tista tħoll minghajr kies, minn haŭn tigi id-distinzioni ta l'indulgenzi fi plenarji u parzjali; il plenarji li jaħfru il pŭieni collha, il parzjali li jaħfru biċċa minnhom. Dac però li ighaġġeb fl'indulgenzi hu il il Cnisja tŭassal dan in-nukkas ta pena ucoll fuk l'Erŭieħ tal Purgatorju, inqŭantu cioè tippermetti lil ħajjin li japplicaŭ il meriti tal opri taħħom iccmandati a favur ta daŭc l'Erŭieħ u iġġaghalhom jakghalu ghal daŭna li stess maħfra ta pena, tant plenarji chemm parzjali, li jakla il fidil ħajj. Ghalhecc xejn ma ghandna nistaghġbu mita nisimghu li il Cnisja tista tati l'indulgenzi, li per mezz taħħom tigi xi ruħ meħlusa mil pŭieni tal Purgatorju. Li chiecu il fidili ifittxu ictar li jirbħu l'indulgenzi, chiecu ictar jonksu il pŭieni tal Erŭieħ tal Purgatorju; u aħna ma nokoghdux haŭn niccalculaŭ id-daħc ta certi insara tal isem, li daŭna ighidu li il Cnisja ma ghandiex setgha fuk il Purgatorju, ghax chiecu ghandha tidher ŭisk chiefra li tħalli daŭc l'Erŭieħ ibatu ictar, mentri tista f'minuta issalvahom. Ma nokoghdux niccalculaŭ dan it-tbexchil, ghaliex id-duttrina li gibna il kuddiem hi biż-żejjed biex tekerdu. Hua veru li ma hemmx bżonn li ŭieħed icollu cmand fuk l'ieħor biex jista igheinu; aħna nghinuhom lil daŭn l'Erŭieħ, billi nrricorru lejn Alla l'Imbierec, li ghandu cmand fuk cullħadd, u li jista iŭassal lil daŭc l'Erŭieħ is-suffragji taghna, bħal dac li ghandu jeħu jeħles mil ħabs lil dac li ghandu f'idejħ, ghaliex giè sodisfatt minn ieħor li iħallas ghaliħ. Il Cnisja l'inkas tista teħles l'Erŭieħ collha f'dakka ŭaħda, ghaliex dina il fidŭa tigi mil meriti tal fidili, li daŭna mhux dejjem icunu mhejjijin biex jekalghu dan it-teżor tal indulgenzi, b'mod li spiss jiġri li minn mit persuna li jaghmlu l'opri iccmandati gharrebħa tal indulgenzi, x'uħud icunu denji li jakalghuhom; u ghalhecc li jibaghtuhom a favur ta daŭc l'Erŭieħ li kieghdin ibatu. Ghal dina il ħaġa it-Teologi ighidu li l'indulgenzi jiġu moghtija lill ħajjin b'mod ta assoluzioni, u lill mejjtin b'mod ta suffragji u ta talb. Sabiex, imbaghd daŭn, l'indulgenzi icollhom forza, hemm bżonn li icun hemm bejniethom, il meriti ta Gesù Cristu, ta Maria SSma., tal Kaddisin collha, ghaliex l'indulgenzi jeħdu il forza taħħom mil meriti ta daŭn, scond ma ighallem il Papa Clement VI fil Bolla tieghu "Unigenitus." (In extravagant. Ad cujus quidem thesauri cumulum Beatae Dei Genitricis et omnium electorum, a primo justo usque ad ultimum merita adminuculum praestare noscuntur). Ghalhecc nispiċċa dan id-discors tieghi billi nghid mal Ecclesiasticu: mil gid taghcom atu sehem lil ħajjin u xerrdu il carità taghcom fuk il mejjtin (Eccles. 6. 7. 37. Gratia data in conspectu omnis viventis et mortuo non prohibeas gratiam) u sabiex inħajjar lill fidili bi ħrara ghal dan il ghamil, nghidilhom ma Santu Ŭistin: aħsbu ftit fil gid cbir li intom takalghu mil mezzi żghar li taghmlu, cioè: x'takalghu, chemm malajr takalghu, u chemm takalghu, u b'liema prezz baxx takalghu (S. August. in Ps. 102. 2. Vide quid emas, quando emas, quanti emas et quam vili emas attende). Daks hecc jidhirli biż-żejjed biex il persuna minni imsemmija tneħħi minn rasha il ħmerijet u tibda taghraf u tistkarr li dac collu li taghmel il Cnisja ghandu it-tifsir tieghu u ma taghmlux ghal xejn; u ghalhecc id-disprezz u id-daħc ta xi nies fuk iċ-ceremoni tal Cnisja icun gej mill'injuranza.

PIER BATTISTA AGIUS,
Cappillan ta Ħ'Attard.

Nihil obstat. Die 6 Nov. 1912.
ALOIS. CAN. FARRUGIA,
Cens. Theol.

---

MIL LUCERNA TAL HAJJA—33. Ghal dan biss hu maħluk il bniedem: biex jaghraf, iħobb u iservi l'Alla u hecc isalva-ruħu.

## Ma dûar il Gżira.

—Ghada, l'erbgha, fil ħdax ta fil ghodu, jaghlak iż-żmien ghal min irid jaghmel *Offerta sigillata* lis-Suprentendent tal Pulizija biex jieħu ix-xoghol ta xi sitt elef medalja tas-sena li gejja ghall clieb. Mill'uffizzju tal Pulizija jistghu jittieħdu bil mictub il *Pattijet tal Offerti*, chif ucoll il *Formola* li ghandhom jinchitbu fukha.—Jiddispjacina li, mita ŭaslilna dan l'avviż minn ghand is-Suprentendent tal Pulizija, ma chienx fadlilna żmien biex ingibuħ fil *Habib* tal gimgha li ħarget.

—Dac il *Barbier* li chitbilna fuk l'gharucaża li il Barbieri tal Belt jibkghu miftuħin nhar ta ħadd il ġurnata collha, ghandu raġun biex ibieħ. Iżda, min jista jindaħal bejniethom, jecc huma stess ighidu li ighiru ghal xulxin? Daŭc li jixtieku iħarsu il jum tal ħadd u ma ibatux bil ghira, ghax ma jatux l'esempju, billi jibdeŭ biex ighalku huma? La ma ghandhomx ħila jiftehmu flimchien suret in-nies, bħalma jaghmlu ta barra minn Malta u chif ghamlu ucoll il Barbieri tal *Cottoniera* (fejn hemm sefsiefa contra ir-Religjon daks il Belt jeŭ actar), xi ħadd irid jibda! Cull bidu tkil: imma, la jieħdu ix-xejra, taghleb il cotra. U ghal xi ftit glielex li jibkghu iŭebbsu rashom, hemm li *Stampa Cattolica*.

—Fil ħanut tas-Sur Ŭġ Micallef—haŭn il Belt, taħt il Loġoġ, numru 32, hemm ghall bejħ pompa muderna ghall mili tal birra, bil ghodod taħħa collha, u armatura taż-żgieġ ta min jicsibha.

— Niżżu-ħajr lis-Sur Pittur Ramiru Calì taż-żeuġ ritratti li ghoġbu jibghatilna, il ŭieħed tas-*Sagra Familja* u l'ieħor ta *San Nicola Tolentinu*, żeŭġ qŭadri li ħadem hu dan l'aħħar u li diġà jinsabu mkieghdin tas-*Sagra Familja* fl'Oratorju il ġdid tal Bażilica ta Portu-Salvu (San Dumincu) u ta *San Nicola* fil Cnisja tal Erŭieħ, it-tnejn haŭn il Belt, fejn hu maghruf minn cull-ħadd ghall ħila cbira li ghandu fs-sengha tieghu u ghall ħabta li hu imżejjen biha ghax-xoghlijet tal Cnejjes. Aħna nirraccmandaŭħ b'kalbna collha u nixtieku li ma tibkax Cnisja ta Malta u Ghaŭdex bla biċċa xoghol minn tieghu, ghax tas-seŭ jixraklu li ismu jixxerred daks ta Missieru—*Peppinu Calì, il Papà tal Pitturi ta Malta* (kâl Predicatur cbir, minn fuk pulptu)!

—Nifirħu minn ġdid lill Cumpanija *La Concordia*, li, ilbieraħ tl'ura, ghamlet id-dramm tax-*Xbejba tar-Rdum* fit-teatrin tal *Unjoni Cattolica*. Fil Manifesti ta dan it-teatrin, seŭŭa il cbar ta mal cantunieri u seŭŭa iż-żghar tal idejn, krajna li «*is-Sur Ġużè Abela* (Alla jaħfirlu) *ħa dan id-dramm bi tliet atti mir-Rumanz tas-Sur Cav. Gius. Muscat Azzopardi P. L.*» (gibna li stess cliem): imm'aħna nghidu, ghax hecc hu, li ir-Rumanz chitbu bit-Taljan il Mħallef Zaccarija Roncali LL.D. u id-Direttur tal *Habib*, 34 sena ilu, kalbu bil Malti. Jecc ma 'rridux minn inakkarna, 'nkas irridu innakkru il ħadd-ieħor.

—L'articlu tas-Sur Ġann Vassall icollna inħalluħ ghal gimgha id-dieħla, ghax ŭaslilna ftit tard.

—Niżżu-ħajr lis-Sur Sapiano-Lanzon, li ghoġbu jibghatilna *L'iccundannat ghal ħruk*, maklub minnu bil Malti mit-Taljan tas-Sur Ghejtaninu Gaŭci, LL.D., u tas-seŭ maħdum tajjeb. Is-Sur Sapiano-Lanzon hu ŭieħed mill'aħjar li jictbu bil Malti u aħna dejjem nakraŭ bil kalb ix-xoghlijet tieghu. Il grajja tal *Iccundannat ghal ħruk* iŭaħħxuc u jisiltulec id-dmuħ minn ghajnejc: imma, biex nghodduhom tas-seŭ bi *Storici*, is-Sur Ghejtaninu Gaŭci irid chiecu ighidilna fejn jinsabu id-*documenti* li ħadhom minnhom. Inqŭantu

